**254. L-Onor. Censu Galea: Ministru għall-Kompetittivita u Komunikazzjoni jipproponi:-**

**Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi**

Illum, 4 ta' Settembru, 2006

Il-Ministru għall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni jipproponi li l-Kamra tar-Rappreżentanti tagħmel din ir-Riżoluzzjoni li ġejja:

"ILLI wara li ġie kunsidrat li meta Malta taderixxi għal din il-Konvenzjoni, Malta tkun qegħda tingħaqad mal-wieħed u tletin pajjiż ieħor li diġa` aderew għal din il-Konvenzjoni u hekk tkun qegħda tiffaċilita l-protezzjoni ta' l-invenzjonijiet fl-Istati membri ta' din l-istess Konvenzjoni;

ILLI wara li ġew kunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati, Kap. 304, u l-artikolu 3(2) ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, Kap. 365;

IL-KAMRA, tirrisolvi li tawtorizza lill-Gvern biex jaderixxi ghall-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi.".

5.9.06